KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 25/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

*L-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017**. Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. <u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Lynch u Seychell u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

**2. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.24. ġew approvati *nem com.*

**3. <u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand l-iskema GreenPak b'rabta ma skart elettroniku żgħir sabiex il-Kunsill jiffirma ftehim ta' estensjoni għall-kuntratt ta' skart riċiklabbli li jkopri wkoll skart elettroniku magħruf bħala WEEE. Il-membri approvaw li jiġi iffirmat dan l-*<u>addendum</u>*.

3.2. Talba mingħand l-impjegata tal-Kunsill Josephine Camilleri sabiex l-impjegata Alison Panzavecchia tingħata *increment* li jmiss kif innotat u rikjest mill-ftehim kollettiv tal-istess ħaddiema. Il-membri approvaw.

3.3. Ittra mingħand il-Kunsillier Lynch sabiex is-Sindku jagħti dettalji ta' kif inġabret is-somma ta' €6,000 għall-Istrina u għalfejn l-istess Sindku ma informa lil ħadd dwar il-preżentazzjoni ta' dawn il-fondi. Is-Sindku irrisponda illi kif maqbul fil-Kunsill l-attivitajiet li saru tul is-sena saru b'risq l-Istrina u għaldaqstant kull profitt li sar f'kull attività mar b'risq l-istrina; apparti li saru wkoll lotteriji għal dan il-għan fl-istess attivitajiet. Is-Sindku qal li is-somma kienet magħmula hekk:

| | |
|---|---|
| *Gozo Activty* | *€ 256.40* |
| *Party tal-Anzjani Palace* | *€ 1,408.00* |
| *Dinner Dance* | *€ 1,555.60* |
| *Donazzjonijiet mingħand kuntratturi u individwi oħra* | *€ 2,780.00* |
| | ***€ 6,000.00*** |

Is-Sindku żied li kien ikun aħjar l-istess Kunsillier Lynch jirrispondi għalfejn mar il-lukanda fejn sar id-*Dinner Dance* u jitlob biljetti b'xejn umbagħad fl-istess ġurnata tad-Dinner Dance imur attività ta' entita oħra.

Il-Viċi Sindku qal li s-Sindku għamel sforz sabiex inġabru dawn il-fondi u la ma ħarġu l-ebda fondi tal-Kunsill ma hemm xejn ħażin f'dak li sar. Il-Kunsillier Spiteri żied illi meta kien Sindku hu ma setax jagħti dan il-ħin li qed jagħti is-Sindku preżenti u għaldaqstant irringrazzjah tal-sforz kollu li għamel sabiex inġabru il-flus. Is-Sindku kompla li tant qed jirnexxu dawn l-affarijiet li fil-bidu tas-sena ser jaħdem biex tiġi organizzata attività b'risq l-fondazzjoni ALS. Il-Kunsillier Muscat qal li japprezza ħafna l-fatt li l-Kunsill qed jgħin lil dawn l-għaqdiet kif jista'. Dwar il-fatt li mar waħdu il-preżentazzjoni, is-Sindku qal li ma bagħatx lil membri tal-Kunsill għax beża li jibgħat email fejn jgħid li kien qed iżomm somma ta' €6,000 fuqu. Kompla billi qal li kieku xi kunsillier staqsa, żgur li kien jgħidlu il-ħin li fih sejjer bid-donazzjoni. Is-Sindku għalaq din il-parti tal-laqgħa billi qal li ma xtaqx jidħol f'dawn id-dettalji żejda fil-laqgħa però għall-fatt li intwera dan id-dubju xtaq jirrispondi b'dan il-mod.

3.4. Ittra mingħand il-klabb tal-Hibernians *Nursery* b'talba għal *sponsorship* b'rabta ma programm ta' taħriġ li ser isegwi it-tim barra minn Malta. Il-membri qablu li la mhux permissibbli bil-liġi li isir dan, mhux possibbli li l-Kunsill jassisti b'dan l-*isponsorship*.

## 4. Laqgħa Annwali tal-Lokalita

4.1. Is-Segretarju informa lil membri illi sfortunatament fil-laqgħa annwali tal-lokalita m'attenda l-ebda resident għalkemm saru l-avviżi kif nnotat fil-liġi.

## 5. Estimi Finanzjarji 2017

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil membri l-estimi finanzjarji għas-sena 2017 wara eżerċizzju estensiv li sar mal-accountant tal-Kunsill.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal-baġit kapitali b'saħħtu li hemm innotat fl-estimi marbuta mal-proġett ta' bini ta' toroq maħdum b'sistema simili tal-PPP kif maqbula mill-istess kunsill. Dan flimkien mal-baġit ukoll ta' Ġnien Dom Mintoff.

5.3. Il-Kunsillier Spiteri żied illi jkun għaqli wkoll li jsir *cost/benefit analysis* b'rabta mat-toroq li jistgħu isiru bil-proġett tal-PPP speċjalment sabiex issir it-talba lil Gvern Ċentrali sabiex isir dan il-proġett.

5.4. Wara li iddiskutew dawn l-estimi il-membri approvaw dawn l-estimi unanimament kif ukoll li jitkompla ix-xogħol marbut mal-proġett tal-bini mil-ġdid tat-toroq. Hawnhekk il-Kunsillier Spiteri ippropona li jekk is-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' ilaħħaq max-xogħol relatat mat-tħejjija dan il-proġett il-Kunsill iqabbad esperti minn barra biex jassistu f'dan ix-xogħol. Il-membri approvaw.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-kamra.*

## 6. Sejħiet għall-Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi sar ix-xogħol marbut mas-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff u hemm bżonn li jiġu approvati xi dettalji. Għaldaqstant wara li iddiskutew din is-sejħa għall-offerti il-membri qablu illi is-servizz għall-ġbir ta' skart goff jiġi offrut darbtejn fil-ġimgħa nhar ta' Tlieta u Sibt u l-baġit tal-Kunsill ikun dak ta' **€73,000** (bla VAT) għal-perjodu ta' erba' snin.

## 7. Tiżjin u attivitajiet tal-Milied

7.1. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa kien hawn qbil li jiġi diskuss dan is-suġġett wara li fil-laqgħat preċedenti il-Kunsill qabel illi iżid il-baġits tiegħu għall-armar tal-milied. Is-Sindku kompla billi qal li għalkemm kien hemm żvilupp fl-armar tal-Milied m'huwiex kuntent fid-dawl li kien hemm għaqdiet illi ma għamlu l-ebda sforz żejjed. Infatti kompla li jinsab kuntent bil-livell tal-armar li sar mill-għaqdiet ta' Lourdes kif ukoll mis-Soċjeta Kristu Sultan però kien hemm ftit sforz mis-Soċjeta De Paule. Il-membri qablu ma dan il-ħsieb.

7.2. Dwar l-attività tal-Milied is-Sindku qal ukoll illi wasal iż-żmien li l-attività tal-Milied tingħata dehra differenti wara li ilha snin fl-istess format. Is-Sindku qal li jinsab ukoll diżappuntat illi l-ħwienet tal-lokali iħallsu kemm biex jipparteċipaw fl-attività tal-Milied kif ukoll għat-tiżjin u ma jafux li l-Kunsill jagħmel ukoll il-parti tiegħu.

7.3. Il-Kunsillier Muscat qal li hemm bżonn naraw li terġa tidħol kompetizzjoni fit-tiżjin.

7.4. Il-Kunsillier Spiteri qal li mingħajr l-għaqdiet, il-lokal huwa mejjet u jekk ma jkunx għalihom it-tiżjin ma jsirx, però kompla fuq dak li qal is-Sindku li ċertu partijiet bħal Triq Bormla kienu ta' kwalità baxxa. Kompla billi qal li nistgħu naraw ukoll possibilitajiet oħra bħal li tinħareġ sejħa għall-offerti fejn jingħata wkoll id-disinn u b'hekk tinħoloq kompetizzjoni permezz tas-sejħa għall-offerti.

7.5. Is-Sindku qal li hemm bosta affarijiet li jistgħu isiru u xtaq jiċċara l-fatt li huwa ma jridx ifisser li huwa kontra l-għaqdiet però hemm bżonn li jagħmlu sforz akbar. Il-Kunsillier Spiteri qal ukoll li jista' wkoll issir assoċjazzjoni tal-ħwienet tal-lokalita u jitmexxa dan il-proġett flimkien.

7.6. Wara li iddiskutew dan il-punt il-membri qablu li għanda tintalab laqgħa mas-Sidien tal-ħwienet sabiex dan is-suġġett jiġi diskuss magħhom.

7.7. Dwar l-attivitajiet li jsiru kemm mis-Soċjeta Kristu Sultan u kemm mis-Soċjetà De Paule bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn anke jittieħdu fondi mill-iskema imħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-membri ilkoll qablu li il-livell tal-attivitajiet li qed isiru qed ikun wieħed medjokri u għaldaqstant hemm bżonn li issir bidla wkoll fuq dan l-att fejn nistgħu anke naraw li issir attività waħda u tkun ta' livell għola, bis-sehem tal-għaqdiet kollha tal-lokal. Il-membri qablu li dan jiġi diskuss aktar il-quddiem u jiġi diskuss ukoll anke mal-ħwienet tal-lokalita.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi fid-9 ta' Frar ser isir *Dinner Dance* b'risq l-fondazzjoni ALS u ser jiġi marbut ma' Jum San Valentinu.

8.2. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm minn wera dubju anke dwar l-attività tac-Ċirklu fejn l-anzjani li jattendu iċ-ċentru anzjanità attiva tal-Kunsill ingħataw biljett b'xejn għal dan iċ-ċirklu mis-Segretarjat Persuni b'diżabilità u Anzjanità Attiva u l-anzjani ħallsu biss għat-trasport.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jistaqsi dwar l-iskema Irrestawra Darek li ġiet maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar fid-dawl tal-ħtieġa ta' xogħol li irid isir fil-Palazz Perellos. Is-Sindku kompla billi qal li kumbinazzjoni kien tiġa tkellem mas-sidien tal-postijiet t'hemm sabiex japplikaw. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-istess skema qed tiġi diskussa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fid-dawl li l-istess skema ħarġet mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

9.2. Il-Kunsillier Muscat xtaq jirringrazzja lil membri tal-Kunsill talli approvaw li terġa teħel l-irħama marbuta mal-ftuħ ta' Ġnien P. Boffa.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-kumplament l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 25 għas-somma ta' €65,739.13

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:25pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 22 ta' Jannar 2017.

Konfermati, illum-Erbgħa 22 ta' Jannar 2017

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku